**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09/2019

**Il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-6:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Dr. Peter Fenech (Avukat tal-Kunsill), Ryan Muscat (Accountant tal-Kunsill) u Raphael Carabott (Contracts manager).
Preżenti 13-il resident **(Dok. 1)**

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

09.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tkun skużata.

09.1.2. Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

09.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09.2 Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa.

09.2.1 Is-Sindku Dean Hili qara l-Minuti tal-aħħar laqgħa pubblika referenza Minuti-2019/05 (30/09/2019) l'inżammet nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019, liema minuti kienu diġa ġew iċċirkolata u ippubblikata fuq is-sit tal-Kunsill. Il-kelliem talab għal-proponiment għall-approvazzjoni tal-Minuti.

09.2.2 Is-sur Edmond Sciberras ippropona.

09.2.3 Is-sur Carmel Arpa issekonda.

09.2.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09.3 Rapport ta' ħidma għas-sena 2019.

09.3.1 Is-Sindku Dean Hili qara r-rapport ta' ħidma għas-sena 2019 u warajh il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, il-Kunsillier Charles Cesare u l-Kunsillier Raymond Lanzon għamlu l-istess. **(Dok. 2)**

## 09.4 Estimi Finanzjarji 2020.

09.4.1 Is-Sindku Dean Hili talab lill-Accountant tal-Kunsill is-sur Ryan Muscat biex jispjega l-Estimi Finanzjarja għas-sena 2020. **(Dok. 3)**

09.4.2 Is-sur Muscat spjega d-dħul u ħruġ previst mill-Kunsill Lokali Pembroke għas-sena 2020, liema estimi huma draft peress li l-Kunsill għadu ma rċeviex konferma mid-DGL dwar kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja allokata lill-Kunsill għas-sena 2020.

09.4.3 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet fuq l-Estimi Finanzjarja u għalhekk Is-Sindku Dean Hili stieden lil dawk preżenti jressqu xi kummenti u suġġerimenti li seta' kellhom.

09.4.4 Flavio Abdilla xtaq ikun jaf jekk bħala Kunsill jew residenti jistax isir xi ħaġa biex is-sit ta' biswit Triq G. Henin tiġi protetta.

09.4.5 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li dan jista' jiġi identifikat wara li jsir id-Development Brief taż-żona mill-PA, għalkemm il-Kunsill ser jara x'jista' isir biex is-sit kemm jista' ikun jibqa' ma jinbeniex.

09.4.6 Mario Pace irrimarka li meta jkun hemm il-festa tal-Halloween hemm bżonn t'aktar sorveljanza tal-Pulizija peress li ż-żgħażagħ għamlu diżastru apparti s-sewqan bl-addoċċ tal-karozzi fil-Pembroke P&R.

09.4.7 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li dak li ġara fl-akwata tal-Pembroke P&R ma kienx taħt il-kontroll tal-Kunsill u m'għandhomx x'jaqsmu mal-attività għat-tfal li għamel il-Kunsill fi Triq San Ġorġ Preca.

09.4.8 Victor Galdes irrimarka li l-Kunsill fil-passat kien irrakkomanda sistema ta' One Way fejn qal li peress li r-residenti ta' Triq Mikiel Anġ Grima kienu talbu l'issir bil-maqlub, spiċċa waqaf il-proċess, u xtaq ikun jaf huwiex ser jiġri xi ħaġa. Issuġġerixxa wkoll li fi Triq il-Mediterran hemm bżonn tinqala l-bankina u jsir passaġġ fuq il-ħaxix kif ukoll li hemm bżonn li jsiru road humps jew xi roundabout biex jitrażżan is-sewqan eċċessiv..

09.4.9 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li kien hemm bosta ilmenti dwar dak li kien qed jiġi propost u għalhekk ma tkomplix il-proċess. Dwar ir-road humps il-kelliem irrimarka li kien hemm oġġezzjonijiet mir-residenti fejn kienu saru u kellhom jinqalgħu.

09.4.10 Edmond Sciberras ilmenta li ħafna traffiku jidħol mill-main road u jimblokkaw it-traffiku f'Pembroke.

09.4.11 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li beda x-xogħol fuq l-upgrading tal-junction ta' St Patricks u suppost ser tissolva l-problema.

09.4.12 Joseph Grech ilmenta li bosta nies jinżlu bil-klieb fuq il-blat u jħallu l-klieb iħammġu kullimkien.

09.4.13 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li ż-żona titnaddaf kontinwament.

09.4.14 Joe Vella Brincat irrimarka li għandha tiġi rranġata temporanjament il-bankina ta' quddiem il-bring in site ta' Triq G Henin.

09.4.15 Manuel Attard staqsa jekk jistgħux isiru bankijiet biex jintużaw mit-tfal tal-iskola fi Triq Pietru Rossell. Staqsa ukoll jekk hemmx xi ħaġa dwar il-bini tal-ITS.

09.4.16 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill ser jara x'jista' isir għalkemm hemm residenti l'ilmentaw kontra li jsiru bankijiet fejn propost. Dwar il-proġett tad-db, il-kelliem qal li l-Kunsill m'huwiex f'pożizzjoni li jara x'jistax isir ladarba hemm applikazzjoni li għada pendenti għalkemm ser jittieħed parir legali.

## 09.5 Tmiem tal-laqgħa.

09.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:45pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 ta' Jannar 2020 fil-5:00pm.

Konfermati, illum 23 ta' Jannar, 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

# Rapport ta' Ħidma 2019

## Is-Sindku Dr Dean Hili

(Responsabbli mill-Ambjent, l-Infrastruttura, il-Proġetti, iż-Żgħażagħ u t-Tfal.)

Iż-żmien verament ma jistenna lil ħadd. Ninsabu proprju fl-għeluq tal-ewwel sena minn din il-leġislatura wara l-elezzjonijiet lokali ta' Mejju li għadda u li fiha ġie iffurmat il-Kunsill preżenti. Fl-istess elezzjoni l-Kunsill żamm erbgħa mill-Kunsilliera li għalqu l-leġislatura preċedenti, filwaqt li ntroduċa lill-Kunsillier ġdid. B'hekk il-pjanijiet tal-Kunsill ma ġewx interrotti – komplejna fuq l-istess ħsibijiet li kellna, niksbu riżultati mixtieqa, u nilħqu l-aspettattivi tar-residenti tagħna f'diversi aspetti. Għal finijiet ta' dan ir-rapport, hekk kif titlob minnha llum il-liġi wara r-riforma li seħħet, ser inkun qiegħed nelenka x-xogħol li sar fid-dekasteri inkarigat minnhom jiena bħala Sindku.

### L-Ambjent

Kull min jafna personalment jaf li dan il-Kunsill għandu għal qalbu l-ambjent u li t-temi li jolqtu l-imkejjen ta' madwarna. Fix-xogħol tagħna, fil-proġetti l'ipproponejna, u fil-pożizzjonijiet li ħadna favur jew kontra proġetti maħsuba għaż-żona tagħna dejjem żammejna f'moħna il-mod li bih ser jintlaqat l-ambjent, x'ser nieħdu mill-proġetti msemmija – x'inhuma s-sagrifiċċji ambjentali li ser nagħmlu u xi gwadann ser tieħu l-lokalita` mill-istess proġetti – at what cost?

Meta wieħed iżomm dan f'moħħu u meta wieħed iqis ukoll li din it-tema kienet waħda dibattuta anke fuq livell nazzjonali, indubjament ma kienux snin faċli dawn tal-aħħar għal Kunsill Lokali tagħna. Is-sitwazzjoni ekonomika fil-pajjiż flimkien mal-lokazzjoni geografika tal-lokalita` għamluha waħda attraenti għal diversi persuni – żviluppaturi għaliex raw il-potenzjal fil-lokalita` hekk kif narawh aħna wkoll li aħna kburin biha, imma wkoll familji li għażlu li jgħixu fostna speċifikament għaliex raw ukoll dak li aħna naraw fil-lokalita` tagħna – dak kollu li jagħmilna kburin biha.

Kien għalhekk ukoll li rajna li nkomplu fejn ħallejna fl-aħħar snin sabiex inkomplu nservu ta' tarka mhux biss għar-residenti tagħna u l-interessi tagħhom, imma wkoll tal-ambjent ta' madwarna u dak kollu li ngħożżu fil-lokalita`.

Fis-snin riċenti l-Kunsill mexxa protesta nazzjonali kontra l-iżvilupp tal-iskola Chiswick House School fuq medda art verġni fi Triq Gabriele Henin. Konna minn ta' quddiem li semmajna leħinna dwar dan, irrikonoxxejna li l-art in kwistjoni tinsab fiż-żona tal-iżvilupp iżda riċentement meta din l-applikazzjoni telgħet għas-smiegħ quddiem il-bord fi ħdan l-Awtorita` tal-Ippjanar għamilniha ċara li ma nħossux li għadu ż-żmien li

nistgħu nagħmlu l-kapriċċi bl-ambjent naturali tagħna, u li l-użu tal-art verġni għandu biss tkun *a last resort*, u dejjem fl-ineteress tas-soċjeta` Maltija fl-aktar sens wiesa tal-kelma.

Deherilna li skola privata oħra fil-lokalita`, ma kienx l-aħjar użu ta' din l-art.

B'sodisfazzjon illum nħarsu lura u ngħidu li rnexxielna ngħelbu din l-isfida. Il-gwerra bl-ebda mod ma waqfet hawn. Irbaħna l-ġlieda, pero`. L-Awtorita` tal-Ippjanar ibbażat il-ġudiżżju tagħha fuq il-fatt li ż-żona hija soġġetta għal *development brief* li għadu mhuwiex konkluż. Irridu naraw li dak id-*development brief* jinħadem biss fl-aħjar interess tal-lokalita`, u jekk jista` jkun, jelimina għal kollox il-possibilta` li l-art tkun fabbrikabbli.

Komplejna fejn ħallejna wkoll bil-ħidma relatata mal-proġett propost minn DB Group fl-akwati ta' San Ġorġ. Irridu naraw li fil-ħidma tagħna nkomplu naħdmu fl-interess tal-lokalita`, tar-residenti tagħna, u dan fil-parametri tal-liġi tal-ippjanar. Irridu nirrikonoxxu li sejrin jittieħdu anke deċiżjonijiet li ma nkunux qbilna magħhom, u hawn ukoll, nippjanaw għall-eventwalitajiet kollha. Kien għalhekk li l-Kunsill ħadem mill-qrib mal-iżviluppatur filwaqt li żammejna l-pożizzjoni tagħna ċara – il-Kunsill ma jridx jara proġett ta' dan id-daqs f'żona residenzjali li tilqa` mijiet ta' familji li ser jispiċċaw jgħixu fid-dell attwali u metaforiku ta' dan il-proġett – imma jekk għandu jsir, irridu nkunu hemm ukoll sabiex n-nfluwenzaw il-proġett u d-disinn tiegħu b'tali mod li l-impatt ikun ferm u ferm inqas minn dak li d-disinn oriġinali kien jikkontempla.

Komplejna wkoll bl-impenn favur l-ispazji miftuħa u l-protezzjoni tagħhom b'kampanji edukattivi dwar iż-żona NATURA2000 fil-lokalita` tagħna fejn ġew installati numru ta' barrikati f'ħidma konġunta bejn l-Armata, NatureTrust u l-Kunsill Lokali. Dan għamilnih għaliex nħossu li l-ħsara li kienet qiegħda ssir fuq is-sit b'vetturi f'nofs ix-xagħri u l-ħsarat ovvji li din il-prattika ġġib magħha ma kienitx tagħmel sens. Nemmnu l'illum, bil-limitazzjonijiet fiżiċi imposti fuq l-aċċess li ġie ristrett għal wieħed pedonali f'diversi żoni sensittivi, mhux biss naqqasna l-ammont ta' skart li ta' sikwit konna nsibu, imma wkoll naqset il-ħsara li kienet issir bis-sewqan tal-vetturi nfushom fuq ix-xagħri.

B'dan il-mod, konna f'pożizzjoni nkomplu ngħarfu lir-residenti dwar l-importanza tas-sit, u dan anke permezz ta' għadd ta' *clean ups* li saru fl-akwata.

Fl-aħħar xhur ukoll ħdimna fil-qrib ma' Infrastruttura Malta li kienet obbligata tħawwel għadd ta' siġar f'pajjiżna b'rabta ma diversi proġetti l'issagrifikaw numru ta' siġar f'lokalitajiet oħrajn. Konna minn ta' quddiem sabiex noffru l-ispazji tagħna biex nilqgħu dawn is-siġar u sar investiment ta' għexieren ta' eluf ta' Ewro sabiex ħawwilna mijiet ta' siġar fil-lokalita`, b'għożża lejn l-ambjent ta' madwarna.

## **L-Infrastruttura**

L-infrastruttura wkoll fl-aħħar xhur u snin ridna li tieħu spinta 'l quddiem. Niedejna pjan ambizzjuż ta' kostruzzjoni ta' diversi bankini fejn ma kienx hemm, u komplejna billi bnejna oħrajn mill-ġdid fejn ma kienux jilħqu l-aspettattivi u l-istandards.

Kif illum huwa sewwa magħruf, il-kostruzzjoni ta' toroq, uġieħ ta' ras u piż finanzjarju enormi għal kull Kunsill, illum hija r-responsabbiltà tal-aġenżija governattiva Infrastruttura Malta. Madanakollu l-Kunsill din ma ħadhiex bħala opportunita` biex inaqqas mir-responsabbiltà tiegħu fl-ippjanar u t-twettieq tal-proġetti li neħtieġu, inkluż il-kostruzzjoni mill-ġdid ta' diversi toroq u asfaltar skond il-ħtieġa, u kif ukoll ix-xogħol

ambizzjuż ippjanat fi Triq Sant Andrija, inkluż ukoll ix-xogħol li llum beda fid-daħla ta' San Patriżju.

Ħdimna mill-qrib u kelli numru kbir ta' laqgħat fuq dawn it-temi kollha.

Dan wassalna sabiex bi ftit xhur, saru Triq Gabriel Henin u Triq Burma – ħolm tal-Kunsill li kien ilu snin twal biex jitwettaq u l'illum kulħadd qiegħed igawdi l-frott tiegħu. Hemm ukoll diversi toroq oħrajn ippjanati għal din is-sena, inkluż l-akwata ta' San Patrizju kollha, Triq Martin Luther King, u l-akwata ta' Blokk numru 7, Triq Patri Serafin Zarb.

Minbarra dan il-Kunsill kellu wkoll numru ta' laqgħat fuq proġetti oħra. Ix-xogħol fuq Triq Sant Andrija qajjem xi ftit ta' kontroversja. Huwa minnu li x-xogħol ippjanat huwa ambizzjuż, daqs kemm huwa bżonjuż. Indubjament pero` wieħed jista` japprezza li hemm fejn intejbu fuq dak l'illum huwa propost. Kien għalhekk li rajt li l-Kunsill, filwaqt li jaqbel mal-proġett fil-prinċipju, iħejji l-oġġezzjoni tiegħu għal elementi mill-proġett li fl-opinjoni tagħna jistgħu jitjiebu – partikolarment fejn huwa propost li titnaqqar aktar art verġni għal bini ta' toroq ġodda. Kif għedt qabel, dan għal Kunsill mhuwiex aċċettabbli taħt l-ebda ċirkostanza jekk hemm soluzzjonijiet diversi.

## Proġetti

Il-Kunsill Lokali għadu l-miri tiegħu ċari u rridu naraw li f'din il-leġiżlatura dawn jintlahqu.

Għandna diversi proġetti maħsuba, partikularment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tisbieh ta' uħud mill-ġonna tagħna. Fil-preżent jinsab għaddej xogħol ta' rinovazzjoni ta' Ġnien l-4 ta' Lulju. Ġew ordnati biċċiet ta' *outdoor gym equipment*, ser jinħareġ tender għal fencing ġdid, ordnajna dawl dekorattiv ġdid u ser inkunu qiegħdin narmaw il-c*ourt* mill-ġdid billi nirranġaw l-art, u niżbgħu l-linji għall-użu tal-*court* minn diversi dixxiplini sportivi.

Fis-snin li ġejjin nkunu qiegħdin nikkumplimentaw ix-xogħol infrastrutturali li ser ikun qiegħed għaddej fl-akwata ta' San Patriżju billi ninvestu fil-ġnien li hemm ukoll fl-akwata. Rajna li dan l-ispazju llum ma jintużax, u hija ħasra. Irridu nipprovdu spazju b'*soft landsċaping*, dawl dekorattiv, bankijiet u *outdoor furniture* li jistieden lir-resident jagħmel użu minn dan l-ispazju, jagħmlu tiegħu.

## Iż-Żagħżagħ u t-Tfal

Il-Kunsill din is-sena għal darb'oħra reġa organizza ċ-ċelebrazjoni tal-Halloween fil-lokalita`, attivita` l'issa tattira eluf ta' persuni minn Malta u li fiha, għal darb'oħra, nġabret somma liema bħalha f'donazzjonijiet għal-Puttinu.

Hija xi ħaġa verament sabiħa li tara l-ammont ta' sigħat investiti fl-organiżżazzjoni ta' din l-attivita` jilħqu l-qofol tagħhom bl-attendenza numeruża li rajna din is-sena, aktar minn kemm qatt immaġinajna. Ta' dan ma nistax ma nirringrazzjax lir-residenti ta' Triq San Ġorġ Preca li għal din is-sena wkoll, reġgħu taw il-kontribut tagħhom sabiex jgħinu fl-armar u l-organżżazzjoni. Ta' dan, il-lokalita` kollha hija grata.

Fil-jiem li ġejjin, f'attivita` oħra li l-lokalita` saret sinonima magħha, ser inkunu qiegħdin inqassmu r-rigali flimkien ma' Father Christmas fid-djar.

**Konklużjoni**

B'hekk wasalna sabiex nagħlqu sena oħra ta' ħidma mill-Kunsill, id f'id magħkom. Kienet sena diffiċli għal Kunsill għaliex kellu jaħdem sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu u dan naraw li ser ikun qiegħed ikompli, irridu naraw li fis-snin li ġejjin ma nintradmux bl-iskuża tal-progress, li ma nagħmlux kapriċċi u kompromessi bl-ambjent ta' madwarna u li ma nissagrifikaw xejn minn dak li ngħożżu fil-lokalita`. Fis-snin li ġejjin, b'dieqa ngħid li ser inkunu qiegħdin nitilfu medda art fil-qalba tal-lokalita` bil-bini tal-Ambaxxata Ċiniża. Huwa essenzjali għalhekk aktar minn qatt qabel li nuru l-impenn tagħna favur il-lokalita`. Bħal dejjem, nirringrazzja lill-istaff klerikali tal-Kunsill Alison Grixti li tat snin twal ta' servizz lil lokalita`, u Charmaine Sciberras li ingħaqdet magħna din is-sena, lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Kevin Borg li wkoll ta' snin twal ta' kontribut siewi, u lil membri sħabi, il-Viċi Sindku Omar Arab f'din l-ewwel esperjenza tiegħu fil-Kunsill, lil Raymond Lanzon, lil *Minority Leader* Desiree` Vella Brincat, u lil Charles Cesare tal-ħidma, u l-kooperazzjoni ġentili tagħhom.

Fuq kollox grazzi lilkom tal-attendenza, u nawguralkom il-festi t-tajba.

## Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab

(Responsabbli mill-Integrazzjoni Soċjali, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, l-Innovazzjoni)

Għaddew 7 xhur, proprju mill-1 ta' Lulju ta' din is-sena min mindu ħadt il-ġurament u ngħaqadt mal-Kunsill Lokali Pembroke fil-kariga ta' Viċi Sindku, fejn ġejt fdat ir-responsabbiltajiet fil-qasam tal-iSports u l-attivitajiet fiżiċi kif ukoll fl-Innovazzjoni u Inklużjoni Soċjali. Ninsab kuntent li ngħaqadt ma' Kunsilliera l'ilkoll għandhom għal qalbhom prinċipji simili għal dawk li nħaddan jien u għandhom għal qalbhom ir-resident Pembrokjan.

Nemmen ħafna f'mentalita strateġika, fejn l-inizjattivi jiġu studjati u evalwati qabel jitwettqu u d-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom ikunu deċiżjonijiet infurmati, għalhekk l-ewwel ftit xhur tal-kariga tiegħi qattajtha fil-maġġor parti tagħha nistudja u nifhem aħjar l-operat tal-Kunsill, hawnhekk nirringrazzja lil-sħabi li għandhom l-esperjenza, b'mod speċjali lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg li bil-paċenzja kollha qasam miegħi għarfien importanti fuq kif jitħaddem l-operat u l-protokoll tal-Kunsill.

Fis-sezzjonijiet li ġejjien ser nispjega aktar fid-dettall l-attivitajiet li esegwejna u l-pjanijiet maħsuba għal snin li ġejjin tul din il-leġislatura.

**Innovazzjoni**

Minnufih issoktat il-ħidma biex noħolqu ideat innovattivi li jiffaċilitaw l-operat, ngħollu u ntejbu l-kwalità tas-servizz u jġibu l-Kunsill iktar viċin ir-residenti.

Bdejna billi annalizajna l-infrastruttura teknoloġika tal-Kunsill, l-ewwel ma ħarisna kien lejn kif titwassal l-informazzjoni, huwa importanti li r-residenti ta' Pembroke ma jitilfux iċ-ċans li jipparteċipaw f'inizzjattivi minħabba li l-komunikazzjoni ma tkunx waħda immedjata u effettiva. Is-sit elettroniku tal-Kunsill li kien wieħed minn tal-bidu li ġie żviluppat, illum qiegħed isir antikwat u ċertu aspetti m'għadhomx relevanti għall-ġurnata tal-lum. Mill-ewwel bdejna naħdmu biex nintroduċu sit ġdid. Il-ħsieb hu li s-sit jinkorpora żewġ aspetti mportanti: L-ewwel li jħaddan informazzjoni storika lokali, li

tant aħna kburin biha, kemm l-istorja ta' qlubija taż-żminijiet li affaċja Pembroke fi żmien l-Ingliżi, fejn il-lokal tagħna kien wieħed mil-pilastri l'ikkontribwixxa għas-sigurtà u l-operat ta' pajjiżna f'mumenti diffiċli tal-gwerra, kemm informazzjoni dwar il-Kunsilliera li servew fil-lokal tul dawn l-aħħar 25 sena, kif ukoll informazzjoni importanti dwar faċilitajiet li jagħmlu parti importanti mill-ġeografija ta' Pembroke.

Ħsibna ukoll li niffaċilitaw u noffru mezz ieħor kif/fejn ir-resident jitlob servizz, b'mod li ma jkunx limitat bil-ħinijiet tal-operat tal-Kunsill. L-għan ta' dan hu li r-resident ikun f'pożizzjoni li jwassal il-ħsieb u/jew s-suġġerimenti tiegħu, jitlob servizzi bħal bulky refuse 24 siegħa kuljum. Bi pjaċir inħabbar li dan ix-xogħol wasal fi stadju avvanzat u s-sit il-ġdida tibda topera min kmieni s-sena d-dieħla.

Fil-leġislatura li għaddiet infetħu wkoll, paġna fuq Facebook kif ukoll grupp fuq l-istess pjattaforma fejn tiġi disseminata u diskussa informazzjoni dwar l-attivitajiet u inizjattivi li jkun qiegħed jaħdem fuqhom il-Kunsill. Żidna r-reklamar u l-attività, kuntent nara li f'din l-aħħar sena rnexxielna inżidu s-segwaċi fuq Facebook b'20% biex wasalna għal total ta' 2244 segwaci, kif ukoll żidna il-parteċipazzjoni fil-grupp b'44% għal 592 parteċipant. Fadal x'naqdfu biex inwasslu l-messaġġ u l-informazzjoni għand ir-residenti kollha pero nemmen li mixjin fid-direzzjoni t-tajba.

Tul dawn l-aħħar xhur bdejna nesploraw u anka ħriġna talba għal-offerti għal-Mobile App, għandna pjanijiet ambizzjużi u nkunu f'pożizzjoni li nagħtu iktar informazzjoni fix-xhur li ġejjin wara li naqblu fuq il-pjan ta' eżekuzzjoni.

**<u>Sports u Attivitajiet Fiżiċi</u>**

Pembroke jospita numru ta' ċentri sportivi u attivitajiet fiżiċi. Il-ħsieb f'dan l-istadju mhuwiex li nżidu iktar ċentri iżda li inħeġġu iktar parteċipazzjoni mir-residenti, nemmnu li l-isports huwa wieħed mil-aqwa mediċini kontra l-vizzji, l-investiment f'inizzjattivi sportivi jaċċertaw komunità iktar b'saħħitha magħquda u enerġetika bi kwalità ta' ħajja aħjar.

Kien ta' pjaċir għalija li l-ewwel attività li attendejt fil-kariga ta' Viċi Sindku kienet il-Bike and Fun Run, li organizzajna b'kollaborazzjoni mal-Pembroke Athletics b'riżq Jum Pembroke 2019. B'sodisfazzjon rajna l-parteċipazzjoni tat-tfal u l-ġenituri tagħhom f'dan l-avveniment u min hemm irrealizzajna li f'dan il-qasam ukoll fadlilna aktar x'intejbu.

Matul dawn l-aħħar xhur iltqajna u saħħaħna r-relazzjoni tal-Kunsill mad-diversi għaqdiet sportivi fil-lokal, iddiskutejna numru ta' proposti li jgħinu biex mhux biss l-għaqdiet jikkontribwixxu direttament lill-membri tagħhom iżda jkunu ta' għajnuna biex ninkoraġġixxu attività sportiva fost residenti li jitħajru jippartecipaw pero' mhux f'livell professjonali jew b'impenn fit-tul. Qegħdin inħarsu li b'dawn l-inizjattivi nagħmlu ġid għar-residenti ta' kull età b'għarfien siewi tad-demografija li għandna fil-lokalita'.

## Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat

(Responsabbli mill-Edukazzjoni u l-Ħarsien tal-Annimali)

Għal din il-leġislatura, id-dekasteri ġew assenjati fl-aħħar ta' Ġunju 2019.

Għal dak li jirrigwardja d-dekasteri li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi, matul dawn il-ftit xhur li għaddew sar xogħol primarjament dwar il-ħarsien ta' l-annimali, fejn il-Kunsill involva ruħu fi proġett Nazzjonali għal-titjib ta' "cat cafes". Ġie ikkonfermat li ser inkunu qed nipparteċipaw fi skema sa massimu ta' għaxart elef ewro biex inkomplu ninvestu "cat cafe" ġewwa Pembroke. Meta jiġi approvat, dan ser ikun possibbli bl-għotja sa massimu ta' tmient elef ewro mill-Gvern Ċentrali u sa massimu ta elfejn ewro maħruġa mill-Kunsill. Meta jitlesta dan il proġett, għandu jkun evidenti it-tisbiħ ta' dan il-post u kundizzjoni ħafna aktar xierqa li għandha tkun pprovduta għall-ħarsien ta' dawn il-kreaturi.

Għamilt ukoll riċerka mar-residenti dwar il-librerija. Jidher li l-pubbliku ġeneralment huwa sodisfatt bil-mod kif din qed taħdem u li fil-preżent hemm biżżejjed kotba biex jinqdew il-membri preżenti. Tant hu hekk li l-librara mhix qed taċċetta kotba iżjed għax hemm wisq. Matul ix-xhur li ġejjin ser inkompli nsegwi mill-qrib l-andament fil-librerija.

Ħadt interess f'diversi suġġetti oħra ta materja li hi ta' interess għall-operat aħjar tal-Kunsill u ta' ġid għar-residenti ta' Pembroke, kemm f'dawk li huma r-responsabbiltajiet li jaqgħu taħt id-dekasteri assenjati lili, kif ukoll oħrajn. Ser inkompli nagħmel dan fl-interess tar-residenti kollha, biex fl-aħħar mill-aħħar naraw li l-lokalita` tagħna timxi 'l-quddiem.

## Il-Kunsillier Charles Cesare

(Responsabbli mill-Indafa u l-Kultura)

### <u>Indafa</u>

Rigward l-indafa ġewwa il-lokalita' bħala Kunsill m'għandnix xi problemi kbar fejn jidħol tindif ta' knis għax kienet inħolqot skeda ta' kif għandhom jinkinsu it-toroq tal-lokalita' biex b'hekk jintlaħaq kullimkien. Il-ġbir ta skart (door to door) jinġabar hekk: Il-borża il-griża riċiklabbli tinġabar darba kull nhar ta' Tlieta, għalkemm bħala Kunsill ikkonsidrajna biex inżidu ġurnata oħra, dwar l-iskart organiku jinġabar bħal kumplament tal-pajjiż, jiġifieri it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Il-borża s-sewda tinġabar kull nhar ta' Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt.

L-iskart Bulky jinġabar kull nhar ta' Ġimgħa, dejjem irid issir appuntament, filwaqt li kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar jiġabar il-ħġieġ.

Biex inkunu nafu eżatt fejn tnaddaf ta' kuljum, il contracts manager tal-lokalita' jibgħat ir-ritratti ta' xogħlijiet l'ikunu saru f'dak il-jum kif ukoll ritratti ta' fejn naraw skart jew żoni maħmuġa.

Waħda mil-akbar problema ġewwa il-lokalita' hija ir-rimi ta' skart illegali. Għalhekk nitlob lil kull resident biex jinforma lil-Kunsill jew Għassa tal-Pulizija fejn jara nies irresponsabbli jagħmlu dan l-att vandalu.

Bħala kontenituri ta' skart riċiklabbli (IBINS) għandna seba' (7) siti mifruxin mal-lokalita' li jinsabu f'dawn it-toroq:

- Triq San Patrizju
- Triq Alamein
- Misraħ il-Forti Pembroke

- Triq Gabriele Henin
- Triq Burma
- Triq il-Meditteran
- Triq Pietru Darmenia

Min żmien għal żmien jiġu organizzata Clean up's ġewwa il-lokalita', kemm mill-Kunsill kif ukoll minn għaqdiet jew entitajiet privata.

Għalkemm bħala Kunsill naħdmu biex inżommu il-lokalita' nadifa bl-aħjar mezz possibbli, weħedna biss ma jkunx possibbli jekk ma tkunux inthom ir-residenti li tikkoperaw magħna. Għaldaqstant qed nipprova inwaqqaf sotto kumitat ta' tindif għal aktar għajnuna minnaħa ta resident.

Nitlobkom biex tkunu parti mis-soluzzjoni u mhux mill-problema.

**<u>Attivitajiet</u>**

Bħala Kunsill m'għandux xi attivitajiet kbar ġewwa il-lokalita' ħlief għal-festa ta' Holloween li jiġu bosta nies minn barra il-lokalita' għalija, festa fejn kull Sena qed tikber. L- attività  issir flimkien ma' voluntiera u organizzaturi mill-lokalita'.

L-attivitajiet li issiru matul is-sena huma:

- Party għat tfal fil-karnival
- Jum Pembroke u fil-Milied fejn jiġu organizzata riċeviment għal-anzjani tal-lokalita' u tqassim ta' rigali min Father Christmas lit-tfal ġewwa il-lokalita' (rigali jinxtraw mir-residenti stess).

## Il-Kunsillier Raymond Lanzon

(Responsabbli mill-Anzjani, Komunitajiet u l-Qasam Soċjali)

### L-anzjani, komunitajiet u l-qasam soċjali

Fl-aħħar ġimgħat reġa' twaqqaf mill-ġdid il-Kumitat tal-Għaqda Anzjani Pembroke. Il-Kunsill qed jagħti s-sehem tiegħu f'dan il-Kumitat billi qed joffri l-uffiċini tal-Kunsill biex fihom jiltaqa' l-Kumitat regolarment.

Barra min hekk qiegħed nieħu sehem fil-laqgħat li qed jsiru tal-Kumitat. Il-Kumitat qiegħed ifassal programm ta' ħidma għax xhur li ġejjien.

Għarfien dwar programmi, seminars u fondi li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-anzjani fil-lokalita`, programmi nazzjonali li jiffaċilitaw il-ħajja tal-anzjani.

F'dawn l-aħħar xhur ippruvajna norganizzaw laqgħat fuq is-saħħa bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa. Il-Programm ta' laqgħat inġiebu għal-attenzjoni tar-residenti billi regolarment tpoġġew avviżi fuq il-Website tal-Kunsill kif ukoll fuq il-Facebbok.

B'dispjaċir ngħidu li ma kienx hemm konkorrenza għal-dawn il-laqgħat fuq is-saħħa u kellna kull ġimgħa navżaw lid-Dipartiment tas-Saħħa biex iħassar il-laqgħat.

Irridu nsibu mezz kif noħolqu kommunikazzjoni aktar effettiva mar-residenti, speċjalment dawk anzjani. Forsi bl-għajnuna u s-sehem tal-Għaqda Anzjani naslu aktar.

It-twettieq tal-proġett ta' Day Care Center għall-anzjani fil-lokalita`.

B'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għal-Anzjani qed naħdmu biex jitwaqqaf Ċentru ta' Anzjanità Attiva. Il-ħsieb huwa li darba fil-ġimgħa jibda jkollna attività fis-sala tal-Kunsill, liema attività tkun tajba għal-Anzjani bħal crafts, attività fiżika jew żfin, etc.

Bħal kull sena l-Kunsill ħa ħsieb ukoll li fiż-żmien il-festi tal-Milied jorganizza attività għall-Anzjani fejn jinħoloq spazju fejn niltaqgħu ilkoll flimkien.

Il-ħsieb huwa li dan iċ-ċentru jibda jiffunzjona fix-xhur li ġejjien.

Fl-stess ħin irridu nkomplu nistħarrġu mal-awtoritajiet konċernati biex il-ħsieb li jkollna Day Care Centre jimmaterjalizza ukoll.

Dok 3

# Pembroke
# Local Council

## Annual Budget
## For
## Financial Year
## 2020

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Budgeted Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Budgeted Statement of Affairs | *Page 5* |
| Cash Budget | *Page 6* |
| Detailed Estimates Of Income | *Page 7* |
| Detailed Estimates Of Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Estimates Of Statement of Affairs | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## Overview and Summary

**Income and Expenditure**

**Results for the Year 2019**

From the financial year ending 31st December 2019 bank balances are projected to end up with a positive balance of **€500,000.**

When Current Liabilities (Creditors and Accruals) and Inventory are taken into consideration, net available funds that can be spent will be in the region of **€340,000**. Of this amount there is €Nil which is already committed.

**Revenue for the Year 2020**

This year the Council will be allocated the sum of €490,309.00. It is also envisaged to have other income, €3,000.00 from permits, €100.00 sponsors, €2,500.00 LES administrative commissions and €100.00 from bank interest, for an overall total of **€496,009.00**.

**Expenditure for the Year 2020**

**The expenditure including payment of outstanding accounts is distributed on three key votes. These are: -**

**Wages and Salaries**

The Council is employing the full complement and is therefore allocating **21.35%** of all expenditure ie **€105,899.00**.

**Operations and Maintenance**

This vote will have an allocation of **63.88%** for a total amount of **€316,891.00**.

**Administration Other Expenditure**

This vote will have an allocation of **7.24%** for a total amount of **€35,919.00**.

**Depreciation**

This vote will have an allocation of **7.52%** for a total amount of **€37,300.00**.

**Capital Expenditure**

The Capital Projects vote net of Grants is of **€79,000.00**, the said funds will come from the retained funds.

Mayor

Executive Secretary

**Budgeted Statement of Income and Expenditure**

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2019 | FORECAST Jan-Dec 2019 | BUDGET Jan-Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 485,069 | 471,171 | 490,309 | 5,240 | 19,138 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 3,000 | 5,099 | 3,000 | - | (2,099) |
| Income raised from LES (3) | 3,600 | 2,126 | 2,500 | (1,100) | 374 |
| Investment Income (4) | 120 | 22 | 100 | (20) | 78 |
| Other Income (5) | 100 | 7,219 | 100 | - | (7,119) |
| **TOTAL** | **491,889** | **485,637** | **496,009** | **4,120** | **10,372** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 97,876 | 90,676 | 105,899 | 8,023 | 15,223 |
| Operations and Maintenance (7) | 344,270 | 360,873 | 316,891 | (27,379) | (43,983) |
| Administration (8) | 32,950 | 29,372 | 35,919 | 2,969 | 6,547 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 16,793 | 85,217 | 37,300 | 20,507 | (47,916) |
| **TOTAL** | **491,889** | **566,137** | **496,008** | **4,120** | **(70,129)** |
| **Surplus / Deficit** | **0** | **(80,500)** | **1** | **0** | **80,501** |

## Budgeted Statement of Affairs

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2019 | FORECAST as at 31 Dec 2019 | BUDGET as at 31 Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Non-current Assets** | | | | | |
| Property, Plant and Equipment (16) | 78,912 | 169,893 | 211,593 | 132,681 | 41,700 |
| **Current Assets** | | | | | |
| Inventories (11) | 1,500 | 1,500 | 1,500 | - | - |
| Receivables (12) | 4,000 | 22,188 | 4,000 | - | (18,188) |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 521,893 | 500,000 | 521,893 | - | 21,893 |
| **Total Current Assets** | **527,393** | **523,688** | **527,393** | **-** | **3,705** |
| **Current Liabilities (14)** | | | | | |
| Payables | 53,000 | 60,000 | 53,000 | - | (7,000) |
| Current portion of Long-Term Borrowings | - | - | - | - | - |
| **Total Current Liabilities** | **53,000** | **60,000** | **53,000** | **-** | **(7,000)** |
| **Net Current Assets** | 474,393 | 463,688 | 474,393 | - | 10,705 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **553,305** | **633,581** | **685,986** | **132,681** | **52,405** |
| **Reserves** | | | | | |
| Retained Funds | **553,305** | **633,581** | **633,582** | **80,277** | **1** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2019 | FORECAST as at 31 Dec 2019 | BUDGET as at 31 Dec 2020 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Current Assets | 527,393 | 523,688 | 527,393 |
| Current Liabilities | 53,000 | 60,000 | 53,000 |
| Total Long Term Liabilities | - | - | - |
| Commitments approved by Ministry | - | - | - |
| | 474,393 | 463,688 | 474,393 |
| Government Allocation | 485,069 | 471,171 | 490,309 |
| FSI | **97.80%** | **98.41%** | **96.75%** |

# Cash Budget

| DESCRIPTION | QTR 1<br>JAN-MAR<br>2020<br>€ | QTR 2<br>APR-JUN<br>2020<br>€ | QTR 3<br>JUL-SEP<br>2020<br>€ | QTR 4<br>OCT-DEC<br>2020<br>€ | TOTAL<br>2020<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Inflows** | | | | | |
| **Government cash inflows** | 121,267 | 121,267 | 121,267 | 121,267 | **485,069** |
| **Cash flows from Bye-Laws & L.N fees** | 750 | 750 | 750 | 750 | 3,000 |
| **Local Enforcement cash flows** | 625 | 625 | 625 | 625 | **2,500** |
| **Finance cash flows** | | | | | |
| Loan Proceeds | - | - | - | - | - |
| Investment income | 25 | 25 | 25 | 25 | **100** |
| | 25 | 25 | 25 | 25 | **100** |
| **Capital cash flow** | | | | | |
| Proceeds from disposal of assets | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| **Cash received from EU funds** | - | - | - | - | - |
| **Cash received from Twinning** | - | - | - | - | - |
| **Cash from Community Services** | - | - | - | - | - |
| **Other Cash Inflows** | - | 100 | - | - | **100** |
| **TOTAL Inflows** | **122,667** | **122,767** | **122,667** | **122,667** | **490,769** |
| **Cash Outflows** | | | | | |
| **Personal Emoluments** | 26,475 | 26,475 | 26,475 | 26,475 | **105,899** |
| **Operations & Maintenance** | 81,019 | 81,019 | 81,019 | 81,019 | **324,077** |
| **Administration** | 8,980 | 8,980 | 8,980 | 8,980 | **35,919** |
| **Finance** | - | - | - | - | - |
| **Capital** | | | | | |
| Acquisition of property | - | - | - | - | - |
| Construction | - | - | - | - | - |
| Improvements | - | - | - | - | - |
| Special programmes | - | - | - | 79,000 | **79,000** |
| | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | 79,000 | **79,000** |
| **Cash outflows re EU projects** | - | - | - | - | - |
| **Cash outflows re Twinning** | - | - | - | - | - |
| **Cash outflows re Community Services** | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| **TOTAL Outflows** | **116,474** | **116,474** | **116,474** | **195,474** | **544,895** |
| **SURPLUS / (DEFICIT)** | **6,194** | **6,294** | **6,194** | **(72,806)** | **(54,126)** |
| **Brought forward (Bank /Cash Bal.)** | **500,000** | **506,194** | **512,487** | **518,681** | **500,000** |
| **Carry forward** | **506,194** | **512,487** | **518,681** | **445,874** | **445,874** |

## *Detailed Estimates of Income*

| | DESCRIPTION | A<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2019 | B<br>ACTUAL<br>Jan-Sept<br>2019 | C<br>FORECAST<br>Oct-Dec<br>2019 | D (B + C)<br>TOTAL<br>Jan-Dec<br>2019 | E<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2020 | F (E - A)<br>VARIANCE<br>Bud-Bud | G (E - D)<br>VARIANCE<br>Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | € | € | € | € | € | € | € |
| | **Income** | | | | | | | |
| 1 | **Funds received form Cental Government:** | | | | | | | |
| 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 457,426 | 343,071 | 114,355 | 457,426 | 457,426 | - | - |
| 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | - | - | - | - | - | - | - |
| 0005-0019 | Other Income | 27,643 | 13,645 | 100 | 13,745 | 32,883 | 5,240 | 19,138 |
| | | **485,069** | **356,716** | **114,455** | **471,171** | **490,309** | **5,240** | **19,138** |
| 2 | **Bye-Laws & Legal Fees** | | | | | | | |
| 0021-0025 | Community Services | - | | | - | - | - | - |
| 0026-0035 | Income from Permits | 3,000 | 4,949 | 150 | 5,099 | 3,000 | - | (2,099) |
| | | **3,000** | **4,949** | **150** | **5,099** | **3,000** | **-** | **(2,099)** |
| 3 | **Local Enforcement Income** | | | | | | | |
| 0037 | Commission from Regional Committees | 3,600 | 1,926 | 200 | 2,126 | 2,500 | (1,100) | 374 |
| 0038-0055 | Contraventions | - | | - | - | - | - | - |
| | | **3,600** | **1,926** | **200** | **2,126** | **2,500** | **(1,100)** | **374** |
| 4 | **Investment Income** | | | | | | | |
| 0091-0095 | Bank interest | 120 | 22 | - | 22 | 100 | (20) | 78 |
| 0096-0099 | Income received from Government Securities | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **120** | **22** | **-** | **22** | **100** | **(20)** | **78** |
| 5 | **General Income** | | | | | | | |
| 0056-0065 | Sponsorships | - | 1,500 | - | 1,500 | - | - | (1,500) |
| 0066-0069 | Documents & Information | - | 196 | - | 196 | - | - | (196) |
| 0070-0075 | EU Funds | - | - | - | - | - | - | - |
| 0076-0080 | Twinning | - | - | - | - | - | - | - |
| 0081-0089 | Insurance Claims | - | - | - | - | - | - | - |
| 0100-0109 | Donations | 100 | 1,000 | | 1,000 | 100 | - | (900) |
| 0110-0119 | Contributions | - | 152 | - | 152 | - | - | (152) |
| 0120-0129 | General Income | - | 4,371 | - | 4,371 | - | - | (4,371) |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **100** | **7,219** | **-** | **7,219** | **100** | **-** | **(7,119)** |
| | **Total** | **491,889** | **370,832** | **114,805** | **485,637** | **496,009** | **4,120** | **10,372** |

## *Detailed Estimates of Expenditure*

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET Jan-Dec 2019 | ACTUAL Jan-Sept 2019 | FORECAST Oct-Dec 2019 | TOTAL Jan-Dec 2019 | BUDGET Jan-Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | € | € | € | € | € | € | € |
| 6 | **Personal Emoluments** | | | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 7,584 | 7,163 | 2,601 | 9,764 | 10,404 | 2,820 | 640 |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 67,744 | 42,385 | 16,657 | 59,042 | 66,628 | (1,116) | 7,586 |
| 1300 | Bonuses | 6,695 | 4,204 | 1,401 | 5,605 | 6,658 | (37) | 1,053 |
| 1400 | Income Supplements | 380 | 285 | 95 | 380 | 380 | - | - |
| 1500 | Social Security Contributions | 6,421 | 4,039 | 1,575 | 5,614 | 6,299 | (122) | 685 |
| 1600 | Allowances | 6,400 | 6,250 | 2,083 | 8,333 | 13,000 | 6,600 | 4,667 |
| 1700 | Overtime | 2,652 | 1,453 | 484 | 1,937 | 2,530 | (122) | 593 |
| | | **97,876** | **65,779** | **24,897** | **90,676** | **105,899** | **8,023** | **15,223** |
| 7 | **Operations and Maintenance** | | | | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 3,133 | 4,141 | 1,380 | 5,521 | 3,173 | 40 | (2,348) |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 300 | 2,546 | 849 | 3,395 | 1,100 | 800 | (2,295) |
| 2300-2399 | Repairs & Upkeep | 131,250 | 103,724 | 21,416 | 125,140 | 85,664 | (45,586) | (39,476) |
| 2400-2449 | Rent | 1,456 | 2,202 | 734 | 2,936 | 1,456 | - | (1,480) |
| 3010 | Street Lighting | 8,000 | 26,878 | 8,959 | 35,837 | 8,000 | - | (27,837) |
| 3020 | Lease of Equipment | - | | - | - | - | - | - |
| 3030 | Insurance | 2,044 | 1,712 | 571 | 2,283 | 2,044 | - | (239) |
| 3035 | Bank Charges | 200 | 141 | 47 | 188 | 200 | - | 12 |
| 3038 | Penalties | - | | - | - | - | - | - |
| 3040 | Waste Disposal | 26,400 | 11,002 | 3,667 | 14,669 | 18,000 | (8,400) | 3,331 |
| 3041 | Refuse Collection | 52,101 | 41,636 | 13,879 | 55,515 | 51,901 | (200) | (3,614) |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 14,400 | 11,748 | 3,916 | 15,664 | 14,400 | - | (1,264) |
| 3043 | Bins on wheels | - | | - | - | - | - | - |
| 3045 | Bring in sites | 200 | | - | - | 200 | - | 200 |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 20,429 | 14,678 | 4,893 | 19,571 | 39,000 | 18,571 | 19,429 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 19,262 | 16,551 | 5,517 | 22,068 | 19,390 | 128 | (2,678) |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 4,524 | 3,379 | 1,126 | 4,505 | 4,524 | - | 18 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 2,400 | 1,941 | 647 | 2,588 | 2,400 | - | (188) |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 16,856 | 12,791 | 4,264 | 17,055 | 16,856 | - | (199) |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 19,262 | 14,223 | 4,741 | 18,964 | 21,749 | 2,487 | 2,785 |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | - | | - | - | - | - | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | - | | - | - | - | - | - |
| 3064 | Other Contractual Services | 8,078 | 5,754 | 1,918 | 7,672 | 9,389 | 1,311 | 1,717 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | 2,000 | | - | - | 2,000 | - | 2,000 |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | - | | - | - | - | - | - |
| 3300-3379 | Hospitality | 10,995 | 5,466 | 1,822 | 7,288 | 14,465 | 3,470 | 7,177 |
| 3380-3389 | Community | 981 | | - | - | 981 | - | 981 |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | - | 11 | 4 | 15 | - | - | (15) |
| 3700-3799 | EU Projects | - | | - | - | - | - | - |
| 3800-3899 | Twinning | - | | - | - | - | - | - |
| | | - | | - | - | - | - | - |
| | | **344,270** | **280,524** | **80,349** | **360,873** | **316,891** | **(27,379)** | **(43,983)** |

## Detailed Estimates of Expenditure (Continued)

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET Jan-Dec 2019 | ACTUAL Jan-Sept 2019 | FORECAST Oct-Dec 2019 | TOTAL Jan-Dec 2019 | BUDGET Jan-Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | € | € | € | € | € | € | € |
| 8 | **Administration & Other Expenditure** | | | | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | 3,317 | 923 | 308 | 1,231 | 3,645 | 328 | 2,414 |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | 100 | - | - | - | 100 | - | 100 |
| 2450-2499 | Office Rent | - | | - | - | - | - | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | 1,100 | 280 | 93 | 373 | 1,100 | - | 727 |
| 2600-2699 | Office Services | 3,295 | 3,093 | 1,031 | 4,124 | 3,795 | 500 | (329) |
| 2700-2799 | Transport | 1,150 | 638 | 213 | 851 | 1,150 | - | 299 |
| 2800-2899 | Travel | - | | - | - | - | - | - |
| 2900-2999 | Information Services | 2,550 | 2,528 | 843 | 3,371 | 2,650 | 100 | (721) |
| 3050 | Office Cleaning | - | | - | - | - | - | - |
| 3140-3199 | Professional Services | 19,682 | 12,281 | 4,094 | 16,375 | 21,929 | 2,247 | 5,554 |
| 3200-3299 | Training | 500 | 2,267 | 756 | 3,023 | 500 | - | (2,523) |
| 3345 | Office Hospitality | 1,000 | - | - | - | 800 | (200) | 800 |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | 256 | 19 | 6 | 25 | 250 | (6) | 225 |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **32,950** | **22,029** | **7,343** | **29,372** | **35,919** | **2,969** | **6,547** |
| 9 | **Finance Costs** | | | | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| 10 | **Other Expenditure** | | | | | | | |
| 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of assets | - | - | - | - | - | - | - |
| 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | - | - | - | - | - | - | - |
| 8000-8099 | Depreciation | 16,793 | 81,219 | 3,998 | 85,217 | 37,300 | 20,507 | (47,916) |
| | | 16,793 | 81,219 | 3,998 | 85,217 | 37,300 | 20,507 | (47,916) |
| | **Total** | **491,889** | **449,551** | **116,587** | **566,137** | **496,008** | **4,120** | **(70,129)** |

## *Detailed Estimates of Statement Of Affairs*

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET Jan-Dec 2019 | ACTUAL as at 30-Sep 2019 | FORECAST changes from 30 Sep-31 Dec 2019 | TOTAL as at 31-Dec 2019 | BUDGET Jan-Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | € | € | € | € | € | € | € |
| 11 | **Inventory** | | | | | | | |
| 5201-5249 | Stationery | - | - | - | - | - | - | - |
| 5250-5299 | Consumables | 1,500 | 1,618 | (118) | 1,500 | 1,500 | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **1,500** | **1,618** | **(118)** | **1,500** | **1,500** | **-** | **-** |
| 12 | **Receivables** | | | | | | | |
| 0201-0209 | Receivables | 2,000 | 8,944 | (3,944) | 5,000 | 2,000 | - | (3,000) |
| 0210-0219 | LES Receivables | - | | - | - | - | - | - |
| 0220-0229 | Receivables from EU | - | | - | - | - | - | - |
| 0250 | Prepayments & Accrued income | 2,000 | 17,188 | - | 17,188 | 2,000 | - | (15,188) |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **4,000** | **26,132** | **(3,944)** | **22,188** | **4,000** | **-** | **(18,188)** |
| 13 | **Cash & Equivalents** | | | | | | | |
| 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 521,893 | 504,749 | (4,749) | 500,000 | 521,893 | - | 21,893 |
| | | **521,893** | **504,749** | **(4,749)** | **500,000** | **521,893** | **-** | **21,893** |
| 14 | **Payables** | | | | | | | |
| 4000 | Payables | 18,000 | 14,967 | 33 | 15,000 | 18,000 | - | 3,000 |
| 4100 | Accruals | 35,000 | 79,065 | (34,065) | 45,000 | 35,000 | - | (10,000) |
| 4150 | Deffered Income | - | - | - | - | - | - | - |
| | Current portion of Long-Term Borrowings | - | | | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **53,000** | **94,032** | **(34,032)** | **60,000** | **53,000** | **-** | **(7,000)** |
| 15 | **Non Current Liabilities** | | | | | | | |
| 4200 | Long Term Borrowings | - | - | - | - | - | - | - |
| | Deferred Income | - | | - | - | - | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |

## 16 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| **Asset** | | Furn & Fittings | Office Equipment | Urban Improvements | Construction | Trees | Plant & Machinery | Special Programmes | New Street Signs | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| % of depreciation | | 8% | 20% | 10% | 10% | 0% | 20% | 10% | 100% | | |
| | | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** |
| **Cost** | | | | | | | | | | | |
| As at 01 January | 2020 | 24,745 | 55,308 | 740,606 | 622,449 | 17,307 | 6,300 | 653,660 | 11,787 | - | **2,132,162** |
| Additions | | - | 4,000 | 174,134 | - | - | - | | | - | **178,134** |
| Disposals | | - | - | - | | - | - | | | - | **-** |
| As at 31 December | 2020 | 24,745 | 59,308 | 914,740 | 622,449 | 17,307 | 6,300 | 653,660 | 11,787 | - | **2,310,296** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | | |
| As at 01 January | 2020 | - | 7,352 | 289,684 | 51,423 | - | - | 653,923 | | - | **1,002,382** |
| Additions | | - | 2,907 | 96,227 | - | - | - | | | - | **99,134** |
| As at 31 December | 2020 | - | 10,259 | 385,911 | 51,423 | - | - | 653,923 | - | - | **1,101,516** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | | |
| As at 01 January | 2020 | 20,667 | 41,464 | 319,338 | 560,588 | - | 6,306 | (263) | 11,787 | - | **959,887** |
| Charge for the year | | 2,156 | 342 | 27,112 | 7,679 | - | 12 | | | - | **37,300** |
| Released on disposal | | - | - | - | - | - | | | | - | **-** |
| As at 31 December | 2020 | 22,823 | 41,806 | 346,450 | 568,267 | - | 6,318 | (263) | 11,787 | - | **997,187** |
| **Budgeted NBV 31 Dec** | **2019** | 3,616 | 7,191 | 37,116 | 13,682 | 17,307 | 0 | 0 | 0 | 0 | **78,912** |
| **Forecasted NBV 1 Jan** | **2020** | 4,078 | 6,492 | 131,584 | 10,438 | 17,307 | (6) | - | - | - | 169,893 |
| **Bugeteded NBV 31 Dec** | **2020** | 1,922 | 7,243 | 182,379 | 2,759 | 17,307 | (18) | - | - | - | 211,593 |